A.L. 103 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (ATT NRU. XIV TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Prospetti ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment. il-Ministru tal-Finanzi, bil-parir taċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissesjħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Prospetti ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-21 ta' Mejju, 1996.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba ir-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att tal-1994 dwar Servizzi ta' Investiment;

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Att;

"skema" tfisser skema ta' investiment kollettiv li għandha liċenzja sond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 tal-Att;

"unità" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att.

Ħtiġijiet ta' prospett.

3. (1) Ebda formula ta' applikazzjoni għas-sottoskrizzjoni ta' unitajiet fi skema ma tista' tinħareġ lill-pubbliku, kemm il-darba fl-istess żmien, dik l-iskema ma tkunx ħarġet prospett li jissodisfa id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u li jkun disponibbli biex jiġi eżaminat mill-pubbliku.

(2) Kull prospett għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-liċenzja u dawk il-ħwejjeġ oħra li jistgħu jiġu rikjesti mill-awtorità kompetenti, minn żmien għal żmien.

(3) L-ebda skema m'għandha tippubblika xi prospett, jew tagħmel xi emendi fi prospett, kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tkunx approvat il-pubblikazzjoni ta' dak il-prospett u l-emendi, għalih.

(4) Kull prospett għandu jkollu d-data kif ukoll il-firma ta' kull persuna li tkun responsabbli għall-ħruġ tiegħu.

(5) Il-prospett għandu jkun disponibbli għall-investituri, minghajr ħlas, qabel ma jintrabtu li jinvestu fi skema. L-elementi essenzjali tal-prospett għandhom jinżammu aġġornati.

(6) Kull reklamar u materjal pubbliċitarju li jinkludi offerta għax-xiri jew sottoskrizzjoni mill-pubbliku ta' unitajiet fi skema, għandu jindika li hemm prospett disponibbli u jispeċifika l-post jew postijiet minn fejn il-prospett u dokumenti oħra li jaġġornawh jistgħu jinkisbu.

(7) Fejn skema hija kumpannija iffurmata u reġistrata skond il-liġi f'Malta, kopja iffirmata tal-prospett għandha tiġi konsenjata lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, qabel ma tinħareġ il-formula tal-applikazzjoni għas-sottoskrizzjoni ta' unitajiet.

Responsabbiltà għall-ħarsien.

4. Kull persuna li tkun responsabbli għall-ħruġ, ċirkolazzjoni jew tqassim ta' prospett jew għall-ħruġ ta' formula ta' applikazzjoni għall-unitajiet fi skema, għandha tiżgura li dawn ir-regolamenti jiġu mħarsa.

Prospett li jinkludi dikjarazzjoni ta' espert.

5. Prospett li jkollu dikjarazzjoni li turi li tkun saret minn espert m'għandux jinħareġ jekk:–

(a) l-espert ma jkunx ta u ma jkunx, qabel il-ħruġ tal-prospett, irtira l-kunsens tiegħu bil-miktub għall-ħruġ ta' dak il-prospett; u

(b) ma tidhirx fil-prospett dikjarazzjoni li huwa jkun ta u ma jkunx irtira il-kunsens tiegħu kif imsemmi qabel.

Responsabbiltà ċivili għal dikjarazzjonijiet ħżiena fil-prospett.

6. (1) Il-persuni li jkunu responsabbli għall-ħruġ ta' prospett ikunu responsabbli *in solidum* għal kull dannu li jbati min ikun isottoskriva għal unitajiet minħabba dak il-prospett, minħabba xi dikjarazzjoni mhux vera li jkun hemm fih.

(2) Espert li jkun ta il-kunsens tiegħu meħtieġ mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 ta dawn ir-regolamenti jkun responsabbli għal xi dikjarazzjoni mhux vera magħmula minnu bħala espert.

7. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti:– Tifsir ta' dispożizzjonijiet dwar prospett.

(a) il-kelma "espert" tinkludi inġinier, stimatur, *accountant*, u kull persuna oħra li l-professjoni tagħha tagħti awtorità għal dikjarazzjoni magħmula minnha;

(b) dikjarazzjoni inkluża fi prospett għandha titqies li ma tkunx vera jekk tkun qarrieqa fil-forma u l-kuntest li fih tkun inkluża; u

(ċ) dikjarazzjoni titqies li tkun inkluża fi prospett jekk tkun qegħda fih jew f'xi dokument li jkun jidher fuq il-wiċċ tiegħu jew li jkun b'riferenza inkorporat fih jew maħruġ flimkien miegħu.